

32005R1283

L 23/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

4.8.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 1283/2005**tat-3 ta' Awissu 2005****li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 dwar régim li jaqa' taħt l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 10 għall-Att ta' l-Adeżjoni**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Protokoll 10 dwar Ċipru għall-Att rigward il-kondizzjonijiet ta' l-addeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polenja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkia u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar régim li jaqa' taħt l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 10 għall-Att ta' Adeżjoni⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 jistipula lista ta' postijiet li minnhom jaqsmu persuni u prodotti jistgħu jaqsmu l-fruntiera bejn iż-żoni li huma taħt kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru u dawk iż-żoni li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jerċitax kontroll effettiv.
- (2) Wara ftehim dwar il-ftugħ ta' postijiet ġoddha li minnhom taqsam il-fruntiera f'Kata Pyrgos u f'Kokkina jinhieg li jiġi adottat l-Anness I.
- (3) Il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru aċċetta dan l-adattament.

- (4) Il-Kamra tal-Kummerċ Turko-Ċiprijotta ġiet ikkonsultata dwar dan is-suġġett,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 866/2004 jinbidel b'dan li ġej:

“ANNESS I

Lista ta' postijiet li minnhom taqsam il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 2(4)

- Agios Dhometios
- Astromeritis — Zodha
- Kata Pyrgos – Karavostasi
- Kata Pyrgos – Kokkina
- Kokkina - Pachyammos
- Ledra Palace
- Ledra Street”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-jum l-pubblikkazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-3 ta' Awissu 2005.

*Għall-Kummissjoni
Olli REHN
Membru tal-Kummissjoni*

(1) ĠU L 236, 23.9.2003, p. 955

(2) ĠU L 161, 30.4.2004, p. 128. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 601/2005 (ĠU L 99, 19.4.2005, p. 10).